Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414

## MINUTI TAT-TLIETA U GHOXRIN LAQGHA TAL-KUNSILL

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL | | | |
| **DATA** | 13 ta' Novembru 2013 | | | |
| **HIN** | Minn | 5.30pm | Sa | 8.30pm |

**Il-laqgha bdiet fil-hin:**

| | | |
|---|---|---|
| **Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA |
| **Vici-Sindku** | Sur | MARK ANTHONY SPITERI |
| **Kunsilliera** | Sur | RAYMOND AZZOPARDI |
| | Sur | REMIGIO BARTOLO |
| | Sur | JOHN P. BONNICI |
| | Sur | GERALD BORG |
| | Sur | RALPH CASSAR |
| | Dott. | HERBERT MESSINA FERRANTE (SKUZAT) |
| | Sur | ALFRED ZAMMIT |
| **Segretarju Eżekuttiv** | Sinjura | MARICA MIFSUD |

1. **APPROVAZZJONI TA' MINUTI**

   Approvati wara li saret korrezzjoni fuq il-punt imqajjem mis-Sur Cordina li l-built-out ta' Triq l-Imdina kienu ilhom isiru rapporti fuqha lill-Transport Malta.

   Is-Sur Spiteri saqsa jekk il-Kunsill hux in line bil-minuti kif qed isiru qosra. Is-Segretarju qalet li l-Minuti ghandhom jindikaw x'gie diskuss u l-iktar haga mportanti x'gie deciz u m'ghandhomx jidhlu fil-mertu tad-diskussjoni kelma b'kelma.

   Is-Sur G. Borg saqsa fuq il-Minuti ta' qabel relatat mar-Rapport tal-Kwart tas-sena x'azzjoni ha tittiehed biex jizdiedu l-fondi.

   Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li dawn ghandhom jitqajjmu mal-Punti Mqajjma Item 9. Is-Sur Spiteri ssuggerixxa li l-item Punti Mqajjma jigi Item 2 min issa l'quddiem u Item 9 jigi sostitwit b'item 10 Affarijiet Ohra.
   **DECIZJONI LI TTIEHDET**: Il-Kunsill qabel.

2. **PUNTI MQAJJMA**
   a) Is-Sur Gerald Borg kompla billi rrimarka li jekk il-Green Wardens bdew, ghandhom jinghataw citazzjonijiet u mhux warnings. Qal ukoll li rigward il-punt imqajjem tas-Sur Spiteri li jirrigwarda l-Kompetizzjoni tal-Presepji hu jissuggerixxi wkoll li ghandha tkun fuq il-website tal-Kunsilli. Kulhadd qabel.
   b) Is-Sur Ralph Cassar rega' gibed l-attenzjoni fuq il-bankina ta' Triq ir-Ruzell sabiex din titwessa issa li saret one-way.
   c) Is-Sur John Bonnici qal li nhar it-Tnejn li gejjin hu u s-Sur Cassar ghandhom appuntament mal-kuntrattur tas-sigar sabiex jaraw fejn hemm bzonn jinzerghu iktar sigar. Hu ssuggerixxa li tintbaghat ittra lill-ELC fejn il-Kunsill jitlob ghajnuna permezz ta' donazzjoni ta' xi sigar. Is-Sur Cassar gibed l-attenzjoni sabiex wiehed ma jinsiex it-twittija tal-hamrija wara Gnien Hal Warda.
   d) Is-Sur Alfred Zammit ssuggerixxa wkoll li jinzerghu xi pjanti fil-hamrija li hemm fic-Cimiterju sabiex jiehu dehra isbah la bhalissa zmien iz-zriegh. Is-Sur Zammit ghadda rimarka fuq il-Minuti tax-xahar ta' qabel fejn fuq l-Agenda ma

kienx imnizzel li ha jigi diskuss u tittiehed decizjoni fuq it-teleworking tas-Sinjura Mifsud. Is-Sinjura Mifsud qalet li kienet ilha ttella' u tnizzel jekk ghandhiex tapplika u wara li kkonsultat mad-Dipartiment infurmat lis-Sindku u kienet ga nharget l-Agenda. Is-Sur Zammit qal ukoll li m'ghandu xejn kontra dak li gie deciz ghax hu ccekkja u jaf li tali mizuri jezistu imma qed jara l-hin bejn it-8am u nofsinhar qasir wisq u kumplament off. Is-Sinjura Mifsud qalet li s-sistema tat-Teleworking ma tahdimx hekk. Hi spjegat li mit-8am sa nofsinhar tkun xoghol l-ufficcju filwaqt li l-kumplament tal-hin tkun xoghol id-dar skond il-htigijiet tal-ufficcju ghal dik il-gurnata filwaqt li tindokra t-tifla. Is-Sur Zammit qal li jekk hu hekk mela m'ghandux problema.

**3. KORRISPONDENZA**

🗁 Email minghand l-iSkola Sekondarja Bniet rigward donazzjoni ta' kotba.

**DECIZJONI LI TTIEHDET**: Il-Kunsill qabel li jinghataw pubblikazzjonijiet tal-Kunsill.

🗁 Ittra minghand is-Sur Louis Pace rigward talba sabiex tinfetah tieqa ghal fuq Gardina Tal-Gibjun.

**DECIZJONI LI TTIEHDET**: Il-Kunsill qabel li ghandha tinghata *no objection.*

🗁 Artiklu li deher f'gurnal fuq raghwa f'Wied Irmiedi.

**DECIZJONI LI TTIEHDET**: Il-Kunsill ghandu jikteb lill-Gvern Centrali u ssir riferenza ghall-korrispondenza precedenti ta' snin ilu.

🗁 Ittra minghand Ghaqda Armar Mastru Karm Debono rigward l-armar ghall-festi tal-Milied. Huma talbu € 250 sabiex itellghu l-armar kollu.

**DECIZJONI LI TTIEHDET:** Din it-talba giet milqugha.

🗁 E-mail minghand Lupanara Restaurant rigward l-Menu ghall-Milied. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li l-fond ghal din is-sena ga gie ezawrit peress li saru zewg ikliet meta kien hawn id-Delegazzjoni Franciza. Qalet li jekk jixtiequ li ssir ikla din trid issir ghas-spejjez ta' kulhadd.

**DECIZJONI LI TTIEHDET**: Ghandha tigi miftehma data biex il-Kunsill imur jiekol f'daqqa ghal rasu.

🗁 E-mails minghand il-MEPA fuq *re-alignment of roads* fi Triq il-Gibjun c/w Triq Dun Mikiel Xerri u open space fi Triq Birkirkara dikjarat bhala spazju pubbliku. Il-Kunsill gie nfurmat b'dawn in-notifikazzjonijiet.

🗁 E-mail minghand Maurizio Agius rigward trailers ipparkjati f'zoni residenzjali. Din l-e-mail ghandha tigi mghoddija lill-Pulizija.

🗁 Ittra minghand La Stella Levantina b'riferenza ghall-ittra taghna datata 18 t'Ottubru fejn is-Socjeta' giet mitluba tghaddi apologija relata mad-diskors u l-attitudni tas-Sur Charles Zammit fil-konfront tal-Kunsill. L-apologija giet accettata.

🗁 E-mail minghand Go pcl rigward tnehhija ta' Phone Boxes.

**DECIZJONI LI TTIEHDET:** Din it-talba giet milqugha.

🗁 E-mail minghand is-Sur Alfred Baldacchino rigward zbir ta' sigar li sar fi Triq Hal Warda. Is-Sur Cordina qal li jinsab urtat ghal mod kif kiteb Qal ukoll li s-sigar ta' Triq Hal Warda gew mizbura minhabba diversi lmenti li bdew iwaqqghu hafna bocci, li l-frieghi bdew dehlin fil-gallariji tan-nies, li t-Traffic Lights kienu mghottija u li l-frieghi iz-zghar bdew dehlin f'ghajnejn in-nies. Ma nzabrux kapricc zgur. Is-Sur Spiteri qal li huwa punt pozittiv li hawn nies bhas-Sur Baldacchino li jhobbu tant is-sigar.

**DECIZJONI LI TTIEHDET:** Ghalhekk gie deciz li kull meta jkunu se jinzabru s-sigar jinghata parir professjonali lill-Kunsill qabel dawn jinzabru.

🗁 E-mail rigward Skema Attivitajiet 2013. Il-Kunsill ghandu japplika ghal din l-iskema.

**4. APPROVAZZJONI TA' SKEDA TA' PAGAMENTI SETTEMBRU/OTTUBRU 2013**

Is-Sur Alfred Zammit saqsa jekk issirx verifikazzjoni fuq kontijiet ta' bankini bhal fil-kaz tal-kont tas-Sur Mario Mallia. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li l-verifikazzjoni ssir mis-Sur Caruana u hu jghaddilha l-kejlijiet biex hi tipprepara l-ispiza minn qabel. Fil-fatt uriethu kejl ta' bankina li kien lest fid-diary biex jigi verifikat. Saqsa wkoll kif bqajna fuq it-Tipping Fees. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li dawn jithallsu skond l-allokazzjoni u l-Gvern qed jaghmel tajjeb bid-differenza. Is-Sur John P. Bonnici

saqsa x'kienet l-ispiza ta' €289. Is-Segretarju Ezekuttiv irrispondiet li din kienet relatata mal-Laqgha tas-Sindki. Saqsa wkoll x'kien il-kont ta' A&E Mintoff. Is-S.E. irrispondiet li dan kien it-trasport ghall-anzjani ghall-Ghawdex. Is-Sur Gerald Borg qal li din l-ispiza hija zejda u li ilhu jsostni dan ghax ghalih l-anzjani ghandhom ihallsu xi haga. Is-Sur Spiteri qal li ghalih huwa xi haga pozittiva li hemm min jorganizza hargiet ghan-nom tal-Kunsill. Is-Sur Cordina qal li hu kontra li l-anzjani jintalbu johorgu flus ghall-hargiet organizzati mill-Kunsill. Is-Sur Bartolo ssuggerixxa li flok jintalbu flus lill-anzjani isir budget tan-nefqa u jinghataw l-ispiza kemm ha tkun fis-sena u wara jirrangaw huma.
**DECIZJONI LI TTIEHDET:** Kulhadd qabel mal-proposta.
Saru mistoqsijiet ohra relatati mal-kontijiet tas-Sur Dieter Falzon, Spejjez ta' Perit, Horace Enterprises, Car Free Day, Clayton Enterprises, T-shirts Attard Athletic Race li kollha gew irrisponduti.

**5. APPROVAZZJONI TA' RAPPORT TAL-KWART TAS-SENA LULJU – SETTEMBRU 2013**
Dan ir-rapport gie approvat.
Fis-6.40pm is-Sur John P. Bonnici skuza ruhu u halla l-kamra.

**6. RIZOLUZZJONI PROCEDURA SISTEMA TAL-INTERNET BANKING, BOV PLC**
Is-Segretrju Ezekuttiv spjegat li din ir-rizoluzzjoni qed issir minhabba li saru emendi u skond Memo 15/2013 il-Kunsill jista' jaghmel trasferimenti ta' fondi bejn kont u iehor permezz tas-sistema tal-Internet Banking. Qalet ukoll li permezz taghha jistghu jithallsu l-pagi tal-impjegati kif ukoll tal-kuntratturi. Is-Sur Remigio Bartolo qal li jekk dawn huma l-esigenzi taz-zminijiet allura hekk ghandu jsir.
**DECIZJONI LI TTIEHDET:** Kulhadd qabel.

**7. IR-RWOL TAS-SEGRETARJU EZEKUTTIV FL-AMMINISTRAZZJONI TAL-KUNSILL (*PERSONAL EMOLUMENTS TAL-IMPJEGATI*)**
Is-Sur Remigio Bartolo xtaq jesprimi l-opinjoni tieghu fuq dan is-suggett. Hu qal li vera forsi gie miftiehem hazin l-ahhar darba meta ghamel riferenza ghall-mistoqsijiet li jsiru fuq pagi u salarji imma dak li ried iwassal kien li hemm certu affarijiet li hu responsabbli ghalihom is-Segretarju, bhal f'dal kaz is-sahra tal-impjegati u necessitajiet tal-ufficcju, li hu jhoss li l-Kunsill m'ghandux jidhol fihom. Infatti kwota hu il-ligi tghidlek car x'inhuma r-responsabbiltajiet tas-Segretarju u l-Amministrazzjoni tal-Ufficcju taqa' taht il-kappa taghha flimkien mas-Sindku.

Is-Sur Spiteri qabel ma dak li qal is-Sur Bartolo u qal li jekk il-Kunsill ghandu fiducja fis-Segretarju u jidher car li kulhadd ghandu zgur allura il-Kunsill m'ghandux jidhol fuq decizjonijiet li jirrigwardaw leave, sahra etc.
**DECIZJONI LI TTIEHDET**: Kulhadd qabel.

.

**8. BAZAAR MCCF U ATTIVITAJIET OHRA GHALL-ZMIEN IL-MILIED.**
Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li bhalha attivitajiet se jsiru ssoltu kompetizzjoni tal-Kartolina tat-tfal u tal-Presepji. Is-Sur Bonnici dahal lura f'dan il-mument. Fir-rigward tal-Bazaar hi qalet li ssoltu jintrama kollox is-Sibt u l-gurnata ta' qabel u jifthu dakinhar stess imma din is-sena il-Gimgha festa pubblika allura hafna mix-xoghol ha jkollu jsir is-Sibt. Qalet li normalment il-hinijiet ikunu is-Sibt mis-2pm sas-7pm u l-Hadd mit-8am sas-7pm.

Is-Sur Zammit qal li inutli jsir il-Bazaar jekk il-Kunsill ha jkollu johrog dawn l-ispejjez kollha f'*overtime*. Saqsa ghalhekk jekk tistax tinghata donazzjoni mill-ewwel. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li ma tistax tinghata donazzjoni diretta imma jistghu isiru attivitajiet biex jingabru l-flus. Is-Sur Borg ippropona li jitnaqqas il-hin u jifthu l-Hadd

biss. Is-Segretarju qalet li mhux worth it dak ix-xoghol kollu ghal-ftit sieghat il-Hadd. Kien ghalhekk li s-Sur Spiteri ppropona li l-Haddiema jahdmu mid-9am sal-4pm u jigi propost lilhom li jiehduh *time off in lieu*. Is-Sur Bartolo qal li ma tistax tobbligom bit-*time off in lieu.* Is-Segretarju qalet li ma taqbilx li tintilef gurnata s-Sibt ghal xejn ghax la jkun intrama kollox jaqbel li jifthu ghall-pubbliku. Wara din il-proposta tressqet ohra finali li kienet li l-Bazaar jiftah is-Sibt mill-5pm sas-7pm u l-Hadd mid-9am sas-1pm imma xorta jigi propost it-*time off in lieu.*
**DECIZJONI LI TTIEHDET**: Kulhadd qabel

## 9. *PUBLIC PRIVATE PARTNERSHIP* GNIEN IL-PALMA/STAZZJON

Is-Sur Cassar qal li hu ma jsibx oggezzjoni li ssir gabbana f'dawn il-gonna biss xtaq ikun jaf qabel:

i) Jekk hux ha jsajjru *onsite*
ii) Jekk hux ha jsir bejgh ta' alkohol
iii) Id-daqs tal-*area* li ha jiehdu
iv) X'*upgrading* sa jsir fil-gnien
v) X'sistema ta' tindif ha jaddottaw u li l-iskart irid jigi riciklat.

Is-Sur Bartolo saqsa jekk ircevejniex xi haga fuq dik il-Bye-law ta' uzu ta' art pubblika.
Is-Sur Spiteri qal li ssir kundizzjoni li ma jistax jikri lill-terzi.
Is-Sur Raymond Azzopardi rega' tenna dak li qal fl-laqghat ohra li hu ma jaqbilx li jitnaqqru spazji pubblici u li l-gonna ghadhom jibqghu kif inhuma.
**DECIZJONI LI TTIEHDET:** Il-Kunsill ghandu jkompli jiddiskuti iktar 'il quddiem.

## 10. AFFARIJIET OHRA

Is-Sur John Bonnici ressaq dawn il-punti:

- Li tintbaghat ittra lill-Bank sabiex klijenti jithallew jaghmlu uzu mill-facilitajiet ta' toilets tal-Bank..
- Li tintbaghat ittra lill-amministraturi tal-Gym sabiex jinghata special discount lir-residenti minn H'Attard li jaghmlu uzu tal-*pools*
- Li hemm xi karozzi mitluqa fi Triq l-Imdina
- Li s-Sinjura Pauline Cassar sejra toqghod minn Triq il-Palm ghal Triq l-Ghenba u peress li hi ghandha reserved parking bay quddiemha xtaqet icaqlaqha minn triq ghall-ohra. Is-Sur Cordina ssuggerixxa li tintbghat rikjesta lil Transport Malta sabiex ic-caqlieq ikun awtorizzat formalment.

Is-Sur Remigio Bartolo ressaq dawn il-punti:

- Li sar l-ewwel pass fil-gemellagg ma' Elancourt u issa qieghed f'kuntatt sabiex jibdew l-iskambji. Qal li l-iskola ga bdiet tikkorrispondi u mexjin sew.
- Li alloka zewg pagni fir-rivista ghall-intervista mal-President ta' Malta.
- Nitolbu l-Greenpak jaghmlu artiklu fir-rivista u l-Kunsilliera jiktbu sa mhux iktar minn 200 kelma.
- Jsir avviz iehor ta' skart fir-rivista
- Fakkar sabiex Henry Frendo u Marco Cremona jaghmlu xi kitbiet fir-rivista.

Is-Sur Ralph Cassar ressaq dawn il-punti:

- Li marru *onsite* mal-Perit Edward Said, sabiex jinbdew il-proceduri biex issir id-devoluzzjoni tal-*embankment* u hu qed ihejji r-rapport fuq l-istat tieghu.
- Li hemm il-hsieb li fis-7 ta' Frar 2014 Emmanuel Mifsud jaqra xi poeziji fix-xelter tal-Knisja u din issir bhala attivita' biex min irid wara jkun jista' jzur ix-xelter ukoll.
- Saqsa kif bqajna fuq il-kaz tal-barriera ta' Venven u l-izvolgiment tieghu relatat mal-applikazzjoni tal-Mepa fuq il-pannelli minn Alberta. Hawnhekk is-Sur

Azzopardi rega' wera d-dizappunt tieghu li art agrarja ha tintuza ghal dawn l-iskopijiet flok tigi rijabilitata u jinzerghu sigar minflok.

Is-Sur John Bonnici skuza ruhu u halla l-kamra.

Is-Sur Alfred Zammit ressaq dawn il-punti:

- Li kien hemm stage Triq Victor Vassallo 'Prinjoli' u dan tnehha. Sabiex jerga' jsir fejn kien. Ha jsir rapport lill-Arriva. Is-Sur Marco Spiteri talab ukoll sabiex jitmexxa b'metru jew tnejn stage li hemm fi Triq Victor Vassallo quddiem id-dar 'Cuor di Gesu'.

Is-Sur Marco Spiteri skuza ruhu u halla l-kamra.

Is-Sur Gerald Borg ressaq dawn il-punti:

- Li l-BOV plc H'Attard qed ikunu spiss b'kaxxier wiehed.
- Li hemm bzonn li jsiru syncronized lights hdejn l-AFS ma' hdejn it-Tip Top u li l-Pulizija li kien qed ikun hemm kull filghodu, juri bic-car li huwa effettiv meta t-traffiku jimxi ftit ftit imqassam. Is-Sur Cordina qal li kien diga' kiteb lill-Transport Malta xi snin ilu b'dan is-suggeriment.

**11. AĠĠORNAMENT**

Il-laqgħa ġiet aġġornata ghat-Tnejn, 9 ta' Dicembru 2013 fil-5.30pm.

____________________ Sindku

____________________ Data